**61. L-Onor. Mario de Marco, l-Onor. Claudio Grech, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Therese Comodini Cachia jipproponu:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 u l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9"

26.09.17

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

Marie-Louise Coleiro Preca
President

26 ta' Settembru, 2017

**ATT Nru XX tal-2017**

*Att biex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap 16 u l-Kodiċi Kriminali, Kap 9, biex jipprovdi għall-immunità minn responsabbiltà għall-persuni li jattentaw jsalvaw lill-persuni fil-bżonn.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar is-Samaritan it-Tajjeb, 2017.

(2) Dan l-Att jidħol fis-seħħ f'data li l-Ministru jista', permezz ta' avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

L-EWWEL PARTI

Emenda tal-Kodiċi Kriminali

2. Minnufih wara l-Artikolu 226B tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9, għandu jiżdied dan l-Artikolu ġdid:

Omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna kkaġunata waqt tentattiv ta' salvataġġ

**226C.** Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 225, 226 u 226A, persuna ma tkunx responsabbli kriminalment jekk, ikkonfrontata b'periklu attwali jew imminenti għal persuna oħra, tieħu azzjoni neċessarja sabiex tiżgura s-sigurtà ta' tali persuna; anke jekk l-azzjoni ma tkunx fil-fatt iżgurat is-sigurtà tal-persuna.

Iżda dan l-Artikolu ma japplikax fil-każ illi l azzjoni li tkun ittieħdet ma tkunx proporzjonali mas-serjetà tal-periklu.

## IT-TIENI PARTI

## Emenda tal-Kodiċi Ċivili

3. Minnufih wara l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, għandhom jiżdiedu s-segwenti Artikoli ġodda:

Eżenzjoni f'każ ta' salvataġġ

Iżda l-persuna li tipprova tgħin tkun responsabbli għal negliżenza grossolana u atti magħmula b'intenzjoni doluża.

Responsabbilità għal ħsara kkaġunata fuq il-persuna li tipprova tgħin

**1033A.** Minkejja id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1031, 1032 u 1033, meta persuna, tipprova tgħin 'il ħaddiehor, ma tkunx responsabbli għal kwalunkwe ħsara kkaġunata fil-kors tas-salvataġġ, sew jekk kkaġunata fuq il-persuna li kellha bżonn l-għajnuna jew fuq il-proprjetà tagħha, kif ukoll jekk ikkaġunata fuq terzi jew proprjetà tagħhom.

**1033B.** Jekk is-sitwazzjoni tkun inġabet fis-seħħ b'atti imputabbli lill-vittma, persuna li tkun ipprovat tgħin lill-vittma, tista' titlob, mill-vittma, danni attwali sostnuti fuq il-persuna jew il-proprjetà tagħha fil-kors tat-tentattiv ta' salvataġġ.

Iżda f'każijiet fejn mhuwiex ċar jekk is-sitwazzjoni inġabet fis-seħħ b'atti imputabbli lill-vittma, ad eżempju f'każ ta' inċident tat-traffiku, il-persuna li pprovat tghin lill-vittma ghandha l-oneru li tippova t-tort tal-vittma.